

# AVVIŻ TA' POŻIZZJONI VAKANTI

## AĠENT TEMPORANJU

Il-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) qed jistabbilixxi lista qasira għall-pożizzjoni ta'

### ID-DIRETTUR EŻEKUTTIV TAL-EBA

Proċedura ta' referenza	EBA TA-02-2026
Tip ta' kuntratt	AĠENT TEMPORANJU (AT) <sup>1</sup>
Grad	AD 14
Tul tal-kuntratt	5 snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' darba <sup>2</sup>
Post tal-impjeg	Pariġi, Franza
Data tal-pubblikazzjoni	17/04/2026
Data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet	18/05/2026 f'23h59 (CET)
Data tal-bidu mistennija	Ir-raba' trimestru-2026
Lista qasira valida sal-	31 ta' Diċembru 2027, bil-possibbiltà ta' estensjoni

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tas-Superviżuri, wara l-konferma mill-Parlament Ewropew.

### X'INHI L-EBA?

L-EBA hija Awtorità indipendenti tal-Unjoni Ewropea<sup>3</sup> li ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2011 bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010<sup>4</sup>.

Il-missjoni tal-EBA hija li tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-effettività tas-sistema finanzjarja Ewropea permezz ta' regolamentazzjoni u superviżjoni sempliċi, konsistenti, trasparenti u ġusta li tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-UE.

Il-prijoritajiet pluriennali tal-EBA fl-orizzont tal-2028 huma: (1) Ktieb tar-regoli: kontribut għal suq uniku effiċjenti, reżiljenti u sostenibbli (2) Valutazzjoni tar-riskju: l-iżvilupp ta' għodod, *data* u metodoloġiji li jappoġġaw analiżi, superviżjoni u sorveljanza effettivi (3) Innovazzjoni: it-tiżiħ tal-kapaċità teknoloġika u t-trawwim tal-innovazzjoni għall-partijiet ikkonċernati kollha.

Bħala Awtorità Ewropea ta' Superviżjoni (ESA) fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (ESFS), l-EBA taħdem mill-qrib mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS).

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 2(a) tal-[Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea](#)

<sup>2</sup> Mandat massimu ta' għaxar (10) snin.

<sup>3</sup> Aġenzija Deċentralizzata tal-UE.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

Aktar informazzjoni dwar l-EBA hija disponibbli fuq is-sit web tal-EBA: [www.eba.europa.eu](http://www.eba.europa.eu).

## X'INHUMA L-IMPJIEG U L-OFFERTA?

### Għan ewlieni

Id-Direttur Eżekuttiv huwa professjonist indipendenti full-time, li jaħdem direttament mal-President tal-EBA bħala parti mill-persunal tal-Maniġment Superjuri tal-Awtorità.

Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Awtorità u bħala tali huwa responsabbli għall-kompiti stabbiliti fir-Regolament li jstabbilixxi l-EBA<sup>5</sup>.

### Responsabbiltajiet ewlenin

- Iħejji l-ħidma tal-Bord ta' Tmexxijali **huwa responsabbli biex jiżgura li l-Awtorità twettaq il-missjoni tagħha.**
- Iħejji **programmi ta' ħidma pluriennali u annwali għall-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tas-Superviżuri u jimplementahom.**
- Iħejji t-talbiet għar-riżorsi umani u għall-baġit finanzjarju **tal-Awtorità li għandhom jiġu sottomessi mill-Bord tas-Superviżuri lill-awtoritajiet baġitarji tal-UE u jimplementahom f'konformità mar-regolamenti finanzjarji tal-UE.**
- Jiġġestixxi **l-persunal tal-EBA skont ir-regoli tal-persunal tal-UE u jadotta miżuri interni għall-funzjonament tal-Awtorità.**
- Jinteraġixxi ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati interni u **esterni.**
- Iħejji **abbozz annwali ta' rapport dwar i) l-attivitajiet regolatorji u ta' superviżjoni tal-Awtorità u ii) kwistjonijiet finanzjarji u amministrattivi, u jimplementa miżuri ta' segwitu tal-awditjar kif meħtieġ.**

### Ambjent tax-xogħol

Inti se tkun parti minn tim multikulturali u multidixxiplinarju ta' madwar 300 professjonist b'ħiliet għolja fl-EBA li jingħaqdu ma' professjonisti minn aktar minn 40 awtorità tas-settur pubbliku stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE, fl-Istati taż-ŻEE-EFTA u f'korpi oħrajn tal-UE. Se tkun qed tinteraġixxi ma' firxa wiesgħa ta' kontropartijiet ta' livell għoli minn dawn l-organizzazzjonijiet u partijiet ikkonċernati oħra. Il-missjoni tiegħek se jkollha impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-qafas regolatorju u superviżorju applikabbli għas-setturi bankarji, tal-ħlasijiet u tal-kriptoassi fl-UE.

Se tħaddan [il-Valuri tal-EBA](#).

Se tingħaqad mal-EBA fi żmien eċċitanti. Riċentement din irċieviet responsabbiltajiet ġodda fl-implimentazzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali tal-UE (DORA), li tissorvelja l-fornituri l-iktar kritiċi tas-servizzi ta' Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) fis-settur finanzjarju, ir-Regolament Ewropew dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MiCA) u "EMIR3". L-Awtorità bħalissa hija impenjata bis-sħiħ f'inizjattivi biex ittejjeb l-effiċjenza tal-qafas regolatorju u superviżorju tal-UE.

<sup>5</sup> Ara l-Kapitolu III, it-Taqsima 4 ("Direttur Eżekuttiv") tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

Se tkun impjegat b'mod amministrattiv bħala Aġent temporanju fil-grad ta' amministratur (AD) 14 u bbażat fl-EBA li tinsab f'Paris La Défense, l-akbar distrett tan-negozju fl-Ewropa u r-raba' l-akbar fid-dinja.

Pariġi hija waħda mill-kapitali l-aktar ispiranti fl-Ewropa. Belt li fiha tista' timxi, tuża rota u li hi konnessa tajjeb bi prossimità mill-qrib ma' pajjiżi oħra fl-Ewropa, Pariġi toffri esperjenza kulturali u kulinari vivida bl-abbundanza tagħha ta' mużewijiet, rikkezza arkitettonika, monumenti jleqqqu, ħwienet tal-aqwa disinjaturi, u parks sbieħ.

Il-kuntratt tiegħek se jkun għal ħames (5) snin u jista' jiġi estiż għal ħames (5) snin addizzjonali.

Għal aktar informazzjoni rigward il-kundizzjonijiet kuntrattwali, is-salarju, il-benefiċċji addizzjonali, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-faċilitajiet skolastiċi, eċċ ***jekk jogħġbok ikkonsulta l-Anness għal dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti.***

## X'INHUMA R-REKWIŻITI TAL-GĦAŻLA?

L-applikazzjonijiet se jrin jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji tal-Eliġibbiltà u tal-Għażla speċifikati f'dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti.

### Kriterji tal-eliġibbiltà

Biex ikunu kkunsidrati eliġibbli, il-kandidati jridu jissodisfaw il-kriterji kollha elenkati hawn taħt, sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

#### Ġenerali

- Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea<sup>6</sup> jew tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein, tan-Norveġja, u jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini<sup>7</sup>;
- Issodisfajt kwalunkwe obbligu impost fuqi mil-liġijiet li jikkonċernaw is-servizz militari;
- Ikollok ir-referenzi adegwati dwar il-karattru fir-rigward tal-idoneità tiegħek għat-twettiq ta' dmirijietek<sup>8</sup>;
- Ikunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga<sup>9</sup>;
- Ikollok għarfien tajjeb ħafna<sup>10</sup> tal-Ingliż<sup>11</sup> u għarfien sodisfaċenti<sup>12</sup> ta' lingwa uffiċjali oħra<sup>13 14</sup> tal-Unjoni Ewropea.
- Kuntratt jista' jiġi stabbilit biss ma' kandidati taħt l-età tal-irtirar li hija stabbilita fl-aħħar tax-xahar li fih il-kandidat jilħaq l-età ta' 66 sena<sup>15</sup>. Billi din il-pożizzjoni għandha importanza strateġika, ikun

<sup>6</sup> Stati Membri tal-UE: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija u l-Iżvezja.

<sup>7</sup> Qabel il-ħatra, il-kandidat li jintgħażel se jintalab jipprovi dokument uffiċjali li juri rekord kriminali.

<sup>8</sup> Il-kandidati mistiedna għall-intervisti se jkunu mitluba jikkonfermaw l-idoneità tal-karattru tagħhom għall-pożizzjoni.

<sup>9</sup> Qabel il-ħatra, il-kandidat li jintgħażel se jiġi eżaminat minn wieħed miċ-ċentri mediċi tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi kkonfermat li l-kandidat jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS).

<sup>10</sup> L-għarfien huwa meħtieġ li jkun tal-anqas fil-livell C1. Il-valutazzjoni fil-livell C1 issir skont il-[Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi \(QKERL\)](#).

<sup>11</sup> L-Ingliż huwa l-lingwa ta' ħidma tal-EBA.

<sup>12</sup> L-għarfien huwa meħtieġ li jkun tal-anqas fil-livell B2. Il-valutazzjoni fil-livell B2 issir skont il-[Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi \(QKERL\)](#).

<sup>13</sup> Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, in-Netherlandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 12(2)(e) u 82(3)(e) u 85(3) tas-CEOS, il-lingwi msemmija fl-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE (l-Iżlandiż u n-Norveġiż) għandhom jitqiesu mill-Awtorità, fir-rigward tal-persunal tagħha, bħala lingwi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

<sup>14</sup> Kelliema nattivi tal-Ingliż se jiġu ttestjati biex jagħtu prova tal-ħiliet tat-tieni lingwa tagħhom.

<sup>15</sup> Skont l-Artikoli 47 u 52(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea.

importanti li l-kandidati jkunu jistgħu jtemmu l-ewwel mandat ta' ħames snin qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar. Jekk ikollha ssir għażla bejn kandidati bi kwalifiki ugwali, dan se jiġi kkunsidrat.

### Kwalifiki<sup>16</sup>

Il-kandidati jrid ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' **erba' (4) snin** attestati b'diploma u wara li jkunu kisbu d-diploma, **ħmistax-il (15) sena** ta' esperjenza professjonali mixhuda bi prova<sup>17</sup> **JEW** ikollhom mill-inqas livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' **tliet (3) snin** attestati b'diploma, u wara li jkunu kisbu d-diploma, **sittax-il (16) sena** ta' esperjenza professjonali mixhuda bi prova.

### Kriterji tal-għażla

Minbarra l-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, il-kriterji tal-għażla li ġejjin se jiġu vvalutati matul il-fażijiet differenti tal-proċedura tal-għażla. Il-kandidati huma meħtieġa jindikaw b'mod ċar fl-applikazzjoni tagħhom kif kisbu l-għarfien u l-esperjenza li jippermettulhom jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u jagħtu eżempji speċifiċi.

#### Kriterji essenzjali:

- Għarfien komplut u prova fil-kompetenza tas-setturi rilevanti għall-attivitajiet tal-EBA, b'mod partikolari dawk relatati mas-superviżjoni u r-regolament finanzjarju.
- Mill-inqas 5 snin ta' esperjenza manijerjali f'livell għoli b'firxa wiesgħa ta' responsabbiltajiet.
- Ħila mixhuda bi prova fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fil-livell strateġiku kif ukoll operazzjonali.

#### Kriterji ta' vantaġġ:

- Fehim sħiħ tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.
- Fehim profund tal-kwistjonijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' rilevanza għall-attivitajiet tal-EBA.
- Esperjenza estensiva fil-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tar-riżorsi umani.
- Esperjenza ta' xogħol f'ambjent multikulturali

#### Kompetenzi tal-imġiba:

- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u ta' preżentazzjoni bil-kapaċità ta' komunikazzjoni b'mod ċar u l-preżentazzjoni ta' suġġetti kumplessi b'mod sempliċi, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, kemm fil-pubbliku kif ukoll f'laqgħat mal-persunal u ma' partijiet ikkonċernati interni jew esterni.

<sup>16</sup> Sejrin jiġu kkunsidrati biss kwalifiki li nġataw minn awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew minn awtoritajiet taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti. Jekk l-istudji prinċipali jkunu saru barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-pajjiżi, il-kwalifika tal-kandidat trid tkun ġiet rikonoxxuta minn korp delegat uffiċjalment għal dan il-għan minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (bħal Ministeru għall-Edukazzjoni nazzjonali) jew ikun meħtieġ rikonoxximent ta' NARIC: <https://www.enic-naric.net/> u dokument li jattesta dan għandu jittella' flimkien mal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq. Jekk għandek diploma rikonoxxuta fi Stat Membru tal-UE, m'għandekx bżonn rikonoxximent ta' NARIC għad-diploma/i ta' livell aktar baxx tiegħek. Pereżempju: Jekk għandek lawrja ta' Baċellerat minn università barra l-UE, u lawrja ta' Masters minn università tal-UE, m'għandekx bżonn rikonoxximent ta' NARIC għal-lawrja ta' Baċellerat. Il-kwalifiki/diplomi mogħtija sal-31/12/2020 fir-Renju Unit huma aċċettati mingħajr rikonoxximent ulterjuri. Għad-diplomi mogħtija wara din id-data (mill-01/01/2021), huwa meħtieġ rikonoxximent ta' NARIC.

<sup>17</sup> L-esperjenza professjonali indikata fil-formola tal-applikazzjoni tgħodd biss miż-żmien meta l-kandidat kiseb iċ-ċertifikat jew id-diploma meħtieġa għall-pożizzjoni u jekk tkun fuq bażi mħallsa biss (inkluż għotjiet għall-istudju u għotjiet għal internship). Studji tad-dottorat (PhD) se jiġu kkunsidrati wkoll fid-dawl ta' regoli speċifiċi. It-tul massimu li jgħodd għall-PhD huwa ta' tliet snin diment li l-PhD tkun ġiet konkluzja b'suċċess sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet tal-proċedura tal-għażla, u irrispettivament minn jekk ix-xogħol kienx remunerat. Id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-pożizzjonijiet preċedenti kollha u jekk ix-xogħol kienx full time jew part time għandhom jiġu indikati fil-formola tal-applikazzjoni. Kandidati freelance jew li jaħdmu għal rashom iridu jipprovdu jew kopja tad-dħul fir-reġistru tan-negozji rilevanti, jew kwalunkwe dokument uffiċjali (pereżempju dokument tad-dikjarazzjoni tat-taxxa) li juri b'mod ċar it-tul tal-esperjenza professjonali rilevanti. Id-dettalji ta' kwalunkwe esperjenza professjonali, taħriġ, riċerka jew studji għandhom jingħataw fil-formola tal-applikazzjoni. Meta mitluba, il-kandidati jridu jkunu jipprovdu dokumenti ta' sostenn li juru b'mod ċar it-tul u n-natura tal-esperjenza.

- Ħiliet interpersonali eċċellenti, inkluż il-kapaċità li jittrattaw u jinnegozjaw ma' partijiet ikkonċernati ta' livell għoli.
- Sens qawwi ta' responsabbiltà, integrità, inizjattiva, awtomotivazzjoni u impenn li jaħdmu fl-interess pubbliku u jservu lill-UE kollha kemm hi.

## ANNEX

### KIF TAPPLIKA?

Il-kandidati huma mistiedna jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom fl-indirizz tal-email li ġej: [EBA-ExecutiveDirector-Applications@eba.europa.eu](mailto:EBA-ExecutiveDirector-Applications@eba.europa.eu) sal-**23h59 (CET) fid-data tal-għeluq**.

L-applikazzjonijiet sottomessi bi kwalunkwe mezz ieħor jew wara l-iskadenza jiġu injorati. L-applikanti huma rakkomandati ħafna biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom, billi traffiku qawwi fuq l-internet jew kwistjonijiet ta' konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-EBA ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien minħabba diffikultajiet ta' dan it-tip.

Se jiġu aċċettati u kkunsidrati biss **applikazzjonijiet kompluti**, jiġifieri

- **Curriculum vitae bl-Ingliż**, preferibbilment f'[format Ewropew](#).

#### KIF UKOLL

- **Ittra ta' motivazzjoni** bl-Ingliż, datata u ffirmata, ta' mhux aktar minn żewġ paġni, li tispjega għaliex inti interessat fil-pożizzjoni u l-valur miżjud li ggħib lill-EBA jekk tintgħażel.

Għandek **tindika l-esperjenza(i) professjonali kollha tiegħek inklużi r-responsabbiltajiet/l-attivitajiet fil-curriculum vitae tiegħek**, li jibdwu mid-data li fiha ksibt id-diploma meħtieġa għall-pożizzjoni.

F'dan l-istadju, jekk jogħġbok tibgħatx dokumenti ta' sostenn (kopji tal-karti tal-karti tal-identità, passaporti, diplomi, eċċ.). Id-dokumenti ta' sostenn għandhom jintbagħtu fi stadju aktar tard tal-proċedura meta jintalbu.

Qabel jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jenħtieġ li jivvalutaw u jiċċekkjaw jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha kif speċifikat fl-avviż tal-pożizzjoni vakanti, b'mod partikolari f'termini ta' kwalifiki u esperjenza professjonali rilevanti. Dawn għandhom jiġu ssodisfati sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

Wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, il-kandidati se jirċievu email awtomatika li tikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet. Jekk jogħġbok kun af li l-korrispondenza kollha se ssir bl-Ingliż u se ssir bl-email, għalhekk il-kandidati għandhom jiżguraw li l-indirizz tal-email ikun korrett u li jiġi ċċekkjat b'mod regolari.

L-indirizz indikat fl-applikazzjoni se jiġi rikonoxxut bħala prova ta' residenza li għandha tintuża għad-definizzjoni tar-rimborżi tal-ivvjaġġar, eċċ. (jekk applikabbli).

### EKWITÀ, DIVERSITÀ U INKLUŻJONI

L-EBA hija [impjegatur ta' opportunitajiet indaqs](#), iddedikata għar-reklutaġġ, l-iżvilupp u ż-żamma ta' forza tax-xogħol diversa u ta' talent billi tiddefendi l-prinċipji ta' opportunità ugwali u imparzjalità. Għal dan il-

għan, l-EBA tilqa' b'sodisfazzjon applikazzjonijiet mill-kandidati kwalifikati kollha, irrispettivament mill-età, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità, id-diżabbiltà, l-oriġini etnika jew soċjali, ir-reliġjon jew it-twemmin, u l-isfond kulturali. Il-membri kollha tal-persunal tal-EBA huma impenjati li jrawmu **kultura fuq il-post tax-xogħol miftuħa u inklużiva**. L-EBA thegħegħ l-applikazzjonijiet tan-nisa għal karigi fejn attwalment huma sottorappreżentati.

Jekk teħtiegħ xi **arranġamenti speċjali matul il-proċedura tal-għażla** relatati ma' diżabbiltà fiżika, mentali, intellettuali jew sensorja, jekk jogħġbok indikaha fl-applikazzjoni tiegħek, u t-Taqsima tar-Riżorsi Umani tikkuntattjak għal kwalunkwe aġġustament jew arranġament meħtiegħ relatat mad-diżabbiltà tiegħek, sabiex tkun tista' tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tiegħek fil-proċess tal-għażla.

L-EBA, bħala [organizzazzjoni rreġistrata mal-EMAS](#), hija impenjata li ttejjeb kontinwament il-prestazzjoni ambjentali tagħha u tnaqqas l-impronta tal-karbonju tagħha.

## BENEFIĊĠI

Il-**kuntratt** tiegħek se jkun għal perjodu ta' ħames (5) snin u jista' jiġi estiż darba, għal ħames (5) snin addizzjonali.

Inti se tiġi rrekutat bħala **Aġent temporanju 2(a) fil-grad ta' amministratur (AD) 14**, jew fl-istadju 1 jew 2 (b'salarju bażiku ta' EUR 18,695.13 fl-istadju 1 jew EUR 19,480.76 fl-istadju 2), soġġett għal rieżami annwali tar-remunerazzjoni previst fl-Artikolu 64 u fl-Artikolu 65(1) tar-**Regolamenti tal-Persunal**. Is-salarji huma soġġetti għal taxxa tal-Unjoni mnaqqsa f'ras il-għajn u huma eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali.

**Minbarra s-salarju bażiku**, se tkun intitolat għal koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għal Franza (bħalissa 113.6 %) li jirrifletti l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-belt.

Int se tkun intitolat li tirċievi **benefiċċju maniġerjali** (4.2 % tas-salarju bażiku) soġġett għat-tlestija b'suċċess tal-perjodu ta' prova ta' disa' (9) xhur.

Tista' tkun intitolat għal **intitolamenti speċifiċi**, skont is-sitwazzjoni tal-familja individwali u l-post ta' oriġini għal: allowance tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), allowance tal-familja, allowance għat-tfal dipendenti, allowance għall-edukazzjoni, allowance preskolari, allowance ta' installazzjoni, rimborż tal-ispejjeż tal-ġarr, allowance temporanja għas-sussistenza ta' kuljum tal-bidu, u benefiċċji oħrajn.

Se tingħata **kopertura komprensiva tal-assigurazzjoni tas-saħħa**: ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) qed joffri kopertura wiesgħa ħafna tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, kif ukoll tal-inċidenti u l-maternità.

Se tibbenefika wkoll minn **bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata** bil-flessibbiltà tat-telexogħol, opportunitajiet ta' taġlim u żvilupp bħal taħriġ lingwistiku, kif ukoll integrazzjoni soċjali (bħall-klabbs Soċjali u tal-Isport tal-EBA), faċilitajiet tal-kantin, kontribuzzjoni finanzjarja għat-trasport pubbliku u aċċess bla ħlas għat-tfal għall-**iskola Ewropea f'Pariġi**.

Tista' tibbenefika mill-**iskema tal-Pensjoni tal-UE** (wara 10 snin ta' servizz).

## X'INHI L-PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA?

**Bord ta' Qabel I-Għażla**<sup>18</sup> se jiġi stabbilit biex janalizza d-dokumenti ta' applikazzjoni tal-kandidati b'referenza għall-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla.

Il-kandidati li ma jissodisfawx il-kriterji tal-eleġibbiltà kollha se jiġu esklużi mill-proċess tal-għażla. Imbagħad, il-kandidati eliġibbli jingħataw punteġġ skont il-kriterji essenzjali. Dawk li jissodisfaw il-kriterji essenzjali kollha se jingħataw punteġġ skont il-kriterji vantaġġużi. Dawk il-kandidati li ma jissodisfawx il-kriterji essenzjali kollha mhux se jiġu vvalutati aktar.

Il-Bord ta' qabel I-għażla se jfassal lista ta' massimu ta' sitt (6) kandidati<sup>19</sup> li jikkorrispondu l-aħjar għall-profil imfittex għal intervista. Il-kandidati magħżula minn qabel mill-Bord ta' Qabel I-Għażla se jiġu mistiedna wkoll biex iqattgħu jum f'**Ċentru ta' Valutazzjoni** għal rwoli ta' maniġment superjuri.

Wara l-intervisti u r-riżultati tal-valutazzjoni tal-ħiliet maniġerjali/ta' tmexxija, il-Bord ta' Qabel I-Għażla se jadotta lista qasira ta' massimu ta' tliet (3) kandidati l-aktar xierqa, li se tiġi kkomunikata lill-Bord ta' Superviżuri tal-EBA. L-inklużjoni fuq din il-lista l-qasira ma tiggarrantixxix il-ħatra.

Il-kandidati magħżula mbagħad ser ikunu mistiedna biex jagħtu preżentazzjoni dwar suġġett magħżul minn qabel u ser ikunu intervistati mill-**Bord tas-Superviżuri tal-EBA**. Il-preżentazzjonijiet u l-intervisti se jsiru fl-istess ġurnata. Is-suġġett tal-preżentazzjoni ser ikun ikkomunikat fl-istedina għall-preżentazzjoni u l-intervista mal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA. Il-Bord tas-Superviżuri mbagħad jadotta lista ta' riżerva ta' mhux aktar minn tliet (3) kandidati. L-applikanti għandhom jinnotaw li l-lista ta' riżerva tista' ssir pubblika.

Il-Bord tas-Superviżuri tal-EBA se jipprovdi l-lista ta' riżerva lill-**kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew** li se jiġi infurmat dwar il-kompożizzjoni tal-grupp ta' applikanti (l-għadd ta' applikazzjonijiet, it-taħlita ta' ħiliet professjonali, il-bilanċ bejn il-ġeneri u n-nazzjonalità, eċċ.).

**Il-Bord tas-Superviżuri tal-EBA se jadotta d-deċiżjoni tal-għażla tiegħu, li se tkun soġġetta għal konferma mill-Parlament Ewropew.**

Il-kandidati jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu aktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq.

## OBBLIGI TAL-ETIKA

L-indipendenza u l-istandards għoljin ta' kondotta professjonali huma kruċjali biex jiġu żgurati standards għoljin u eċċellenza għall-ħidma tal-EBA.<sup>20</sup> L-Aġenzija tistinka wkoll biex tiżgura li l-persunal tagħha ma jkollu l-ebda interess li jista' jaffettwa l-imparzjalità tiegħu.

Skont l-Artikoli 11 u 11a tar-Regolamenti tal-Persunal (SR) u l-Artikoli 11 u 81 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) **il-kandidati li jintgħażlu li se jkunu inklużi fil-lista qasira se jkunu mitluba jagħmlu dikjarazzjoni tal-kunflitt ta' interess qabel l-intervista mill-Bord tas-Superviżuri**. B'mod partikolari, il-kandidati fil-lista qasira ta' qabel I-għażla se jkollhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn li se jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta'

<sup>18</sup> Jekk jogħġbok innota li x-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' Qabel I-Għażla huma strettament kunfidenzjali u li kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu huwa strettament ipprobit u jikkostitwixxi raġuni għall-iskwalifika. Il-kandidati mistiedna għall-intervista se jiġu kkomunikati l-kompożizzjoni tal-Bord ta' qabel I-għażla.

<sup>19</sup> Fil-każ ta' prestazzjoni ugwali, l-għadd ta' kandidati se jiġi aġġustat kif xieraq.

<sup>20</sup> Aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-etika, inklużi l-Gwida tal-Etika tal-EBA, il-politika dwar il-kunflitti ta' interess u l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, huma disponibbli fuq <https://www.eba.europa.eu/about-us/organisation-and-governance/accountability/ethics-eba>

interess li jista' jitqies li jippreġudika l-independenza tiegħu/tagħha li se tkun eżaminata skont il-qafas tal-Etika tal-EBA. Kull applikant għandu jikkonferma, fid-dikjarazzjoni tiegħu/tagħha sottomessa mal-applikazzjoni tiegħu/tagħha, ir-rieda tiegħu/tagħha li jkun/tkun konformi f'każ li hu jkun/hi tkun il-kandidat(a) li ntgħażel/ntgħażlet.

Barra minn hekk, il-kandidat li jintgħażel se jkun marbut bis-segretezza professjonali u bir-reqwiziti ta' kunfidenzjalità waqt li jaħdem fl-EBA u wara li jkun telaq.

L-eks membri tal-persunal huma meħtieġa jfittxu approvazzjoni mill-EBA qabel ma jinvolvu ruħhom f'attività oħra għal sentejn wara li jtilqu mill-Aġenzija. Jekk dik l-attività tkun relatata mal-ħidma mwettqa matul l-aħħar tliet snin ta' servizz fl-EBA, u tista' twassal għal kunflitt mal-interessi leġittimi tal-EBA, l-Aġenzija tista' tagħti l-approvazzjoni tagħha skont kwalunkwe kundizzjoni li hija tqis xierqa jew tipprojbixxi l-attività.<sup>21</sup>

## PROTEZZJONI TAD-DATA

L-EBA tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725<sup>22</sup>. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*. Għal aktar informazzjoni dwar kif id-*data* personali se tiġi pproċessata, il-kandidati huma mistiedna jikkonsultaw l-[Avviż dwar il-Protezzjoni tad-Data](#).

## FIL-KAŻ TA' LMENT U APPELL

Kandidati li jqisu li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati bi kwalunkwe deċizzjoni relatata mal-proċedura tal-għażla jistgħu jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

### Jitolbu rieżami tad-deċżjonijiet meħuda mill-Bord ta' Qabel l-Għażla

Fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji mid-data tal-ittra li tinforma lill-kandidat bid-deċżjoni meħuda mill-Bord ta' Qabel l-Għażla, hu/hi jista'/tista' jissottometti/tissottometti talba bil-miktub għal rieżami ta' din id-deċżjoni, bi preżentazzjoni tar-raġunijiet għat-talba, fl-indirizz tal-email li ġejj: [EBA-vacancies@eba.europa.eu](mailto:EBA-vacancies@eba.europa.eu)

### Appelli

a) Il-kandidat jista' jressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal fil-limiti taż-żmien previsti, fl-indirizz li ġejj:

Kap tar-Riżorsi Umani  
Awtorità Bankarja Ewropea  
Proċedura tal-għażla: **Ref.: EBA TA-02-2026**  
DEFENSE 4 – EUROPLAZA  
20 Avenue André Prothin  
CS 30154  
92927 Paris La Défense CEDEX

<sup>21</sup> Aktar informazzjoni dwar l-attivitàjiet okkupazzjonali wara li titlaq mill-EBA, inkluża gwida dwar kif jiġu vvalutati r-restrizzjonijiet u l-projbizzjonijiet ta' wara l-impjieg hija disponibbli fuq <https://www.eba.europa.eu/about-us/organisation-and-governance/accountability/ethics-eba/occupational-activities-after>

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

## Franza

b) Il-kandidat jista' jissottometti appell għudizzjarju lill-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal. Għal dettalji dwar kif tressaq appell, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Qorti Ġenerali: <http://curia.europa.eu/>.

**Ilment lill-Ombudsman Ewropew**

Huwa possibbli wkoll li jitressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman Ewropew<sup>23</sup>. Għal dettalji dwar kif tressaq ilment, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Ombudsman Ewropew: <http://www.ombudsman.europa.eu/>

Jekk jogħġbok kun af li lmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew m'għandhomx effett ta' sospensjoni fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' lment jew appell rispettivament lill-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman Ewropew, kwalunkwe lment imressaq lill-Ombudsman Ewropew għandu jkun preċedut mill-approċċi amministrativi adegwati lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.

---

<sup>23</sup> ĠU L 253 tas-16 ta' Lulju 2021.